MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2001

Numru 110/1999

PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
JOSEPH CASSAR
FRANCO SAMMUT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Joseph Cassar ta’ 21 sena bin Carmelo u Paula Scerri, imwieled Pieta fl-24 ta’ Marzu 1977 u joqghod 104, Canon Road Sta Venera numru tal-karta tal-identita 391577M u Franco Sammut ta’ 28 sena, bin Valent u Anna nee Camilleri, imwieled Pieta fis-27 ta’ Frar 1970 u joqghod 64, Old Mint Street, Valletta numru tal-karta tal-identita 108870M talli fl-20 ta’ Settembru 1998 ghal habta tan-nofs siegha ta’ filghodu, fi Triq San Gorg, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offica ta’

natura gravi fuq il-persuna ta’ Brian Tonna, u dan bi ksur tal-artikolu 214 tal-kap 9, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-lejl, kissru il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor, u dan bi ksur tal-artikolu 338(m) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl-imputati.

Rat il-verbal tal-1 ta’ Marzu 2001 fejn l-imputati ma sabux oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi Dr Vella Baldacchino informa lill-Ghassa tal-Pulizija li Brian Tonna kien garrab xi griehi f’wicci wara glieda fi triq San Gorg, San Giljan fl-20 ta’ Settembru 1998.

Illi minnhemm hekk bdew l-investigazzjonijiet tal-pulizija u irrizulta illi  Tonna garrab griehi f’wiccu, fuq ghajnejh u imniehru u li x’aktarx kellu frattura tal-ghadma tal-imnieher.

Tonna ipproduca sett ta’ ritratti tal-griehi li garrab, esebiti bhala dok PMG1 sa 12 u semma l-involviment tal-imputati Cassar u Sammut.

Jirrizulta illi Dr Vella Baldacchino irrilaxxa certifikat li fih iddikjara illi l-griehi kienu ta’ natura gravi waqt illi Dr Camilleri mic-centru tas-Sahha tal-Gzira iccertifika il-griehi bhala ta’ natura hafifa (ara xhieda  fol 16 sa 19).

Dr Camilleri a fol 26 u 27 xehed illi waqt li kkonferma certifikat dok PMG 13 ikkonferma li hu kien ikklassifika l-griehi ta' natura hafifa izda sostna illi huwa kien baghat lil Tonna biex jiehu xi X Rays l-isptar San Luqa ghar-rigward il-gerha ta' imniehru.

Mix-xhieda ta' Brian Tonna (fol 28 et seq) jirrizulta illi f'Settembru tan-1998 huwa kien qieghed wahdu fil-Havana Pub Paceville. Waqt li kien sejjer il-barra xi hadd inbuttah b'daqqa ta' spalla.

Illi meta dar huwa sab lil Joseph Cassar li rega inbuttah pero Tonna ma qallu xejn u telaq il-barra.

Tonna xehed illi ghalkemm kien jaf lil Cassar huwa qatt ma kien kellmu qabel. Xehed ili fil-pront gie fuqu l-bouncer Franco Sammut li qabdu u beda jghidlu "kemm int kiesah".

Illi Tonna irrispondieh u qallu li hu ma kien ghamel xejn imbaghad Sammut tah daqtejn fuq wiccu u fuq dahru biex nizzlu l-barra.

Illi hemmhekk xi hbieb ta' Cassar regghu daruh u bdew jaghtuh bil-ponn fuq wiccu u fuq imniehru.

Irrizulta illi Tonna kien garrab frattura ta' imniehru u kien gie iccertifikat mill-Isptar San Luqa.

Mistoqsi il-ghaliex bdiet il-glieda Tonna ma gharafx jirrispondi.

PC1601 David Mifsud xehed illi huwa kien irceva telefonata dwar incident go Paceville, nizel lejn il-Havana u sab lil PC1188 ma persuna ohra li kien mal-art b'wiccu kollu demm u ghalhekk kienu haduh il-Gzira Health Centre fejn gie ikkurrat u gie rilaxxat certifikat.

Illi minn go Paceville gew arrestati zewg persuni, wiehed maghruf bhala Ir-Ruman, bouncer gewwa l-Havana u persuna ohra.

PC1188 Paul Cassar xehed illi fl-20 ta’ Settembru 1998 ghall-habta tal-kwart u nofs siegha kien ha rapport li kien hemm persuna mixhuta mal-art barra l-Havana.

Illi meta acceda fuq il-post sab lil Tonna li qallu li kien gie aggrediet minn grupp ta’ nies li fosthom kien hemm bouncer tal-Havana maghruf bhala r-Ruman u persuna ohra.

Meta sussegwement il-pulizija tkellmu mad-duty manager tal-Havana dan allu li kienu qabbdu lil Tonna ikisser xi tazzi u ghalhekk keccewh il-barra.

Dr Dennis Vella Baldacchino (fol 93 et seq)  xehed illi Tonna kellu xi snien ta’ isfel fuq in-naha tal-lemin imtajrin u gieh suspett ta’ ksur tal-ghadma ta’ imniehru u ikklassifika il-griehi bhala “still self conplications”.

Joseph John Grech (fol 99) xehed illi huwa jahdem bhala Chief Security u li Franco Sammut huwa l-Manager tieghu.

Illi dakinhar tal-incident inqalghet glieda fuq u sema l-alarm jdoqq u ghajtulu bir-radio u mar u ikkalma is-sitwazzjoni.

Illi f’parti ohra tal-Havana inqalghet glieda ohra ma Brian Tonna u regghu ghajjtu lis-security biex jnizzlu lil Brian Tonna l-isfel.

Illi peress illi huwa kien maqbud fil-glieda ta’ fuq huwa ma rax il-glieda li fiha kien involut Tonna izda xehed illi fil-fatt huwa wara l-glieda kien nizzel lil Brian Tonna it-tarag u li dan beda jibki u li Grech qal lil Tonna illi huwa kienx suppost dahal il-Havana il-ghaliex kien diga qabbdilhom glieda ohra qabel u kissrilhom xi fliexken .

Qal li Tonna beda jitghajjar, semma li kellu missieru Surgent tal-Pulizija.

Xehed li ma jafx x’gara barra il-ghaliex xoghol is-security jispicca mil-ghatba l-barra pero qal li sa dak il-hin daqqiet f’wicc Tonna ma kien ra xejn.

Vincent Micallef (fol 106) xehed illi huwa jiffrekwenta l-Havana u li dak in-nhar tal-incident ra l-isecurity jnizzlu xi tlett persuni barra. Dawn bdew jaghmlu hafna storbju u jidghu u li wiehed minnhom beda jghid li kellu missieru Surgent tal-Pulizija.

Xehed illi ma ra ebda griehi fuq ebda wiehed minn dawn in-nies.

Mario Difesa (fol 111) xehed illi huwa jahdem bhala security il-Havana u li kien hemm glieda fil-bar u gew imsejjhin huma u nizzlu lil Tonna il-barra. Li dan beda jitghajjar bil-kariga ta’ missieru. Muri ir-ritratti huwa ma setax jaghraf il-persuna indikata lilu.

Mix-xhieda tal-imputat Sammut (fol 118) dan xehed illi huwa General Manager u li hu ma kellux x’jaqsam mas-security stante li kien Joevin Grech li kien impjegat bhala Chief Security hemmhekk.

Xehed illi kien jaf li kien hem glieda bejn zewg gruppi u li xi hadd qalla daqqa ta’ tazza u li is-security nizzlu lin-nies il-barra.

Illum il-gurnata mghadux impjegat mal-Havana u ghandu business tieghu.

Xehed illi li Brian Tonna ghandu idea tieghu fil-Havana il-ghaliex xi xhur qabel kien kien gie imkecci il-barra mill-post fuq xi glieda ohra u li kien hemm struzzjonijiet li dan mghandux jidhol aktar il-Havana.

Illi xhur wara l-incident huwa gie investigat, urieh xi ritratti ta’ guvni b’xi daqqiet go wiccu li hu ma gharafx.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti u skond ix-xhieda tat-Tobba ma jirrizultax ipprovat illi l-kwerelant Tonna garrab xi griehi ta' natura gravi.

Illi ghalkemm l-ufficjal prosekutur fix-xhieda tieghu tenna illi Dr Vella Baldacchino kien irrilaxxa certifikat ta' griehi ta' natura gravi, meta tela fuq il-pedana tax-xhieda Dr Vella Baldacchino ma ikkonfermax dan anzi ikklassifika il-griehi bhala "slight self complications".

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi Franco Sammut kien jahdem bhala General Manager fil-Havana u c-Chief Security kien Joseph John (Joevin) Grech li mieghu kellu diversi security tahtu.

Ili ma jirrizultax ipprovat illi Sammut kellu xjaqsam direttament mal-glieda li inqalghet illi ghaliha semmai kellu involviment Joseph Cassar u hbieb mhux maghrufa tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lil Joseph Cassar hati talli ikkaguna griehi ta''natura hafifa fuq il-kwerelant Tonna u tal-ksur tal-bon ordni.

Ghaldaqstant issibu hati ta' tali akkuzi pero mhux hati tal-akkuza ta' griehi ta' natura gravi u wara li rat Art 221 u 338(dd) tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tillbierah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur u dana in vista tal-fedina penali netta tal-istess imputat Cassar, waqt illi ssib lill-imputat Franco Sammut mhux hati skond l-akkuzi u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------